# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001.**

**Numru 3**

**Citaz. Nru. 478/01GV**

**Zamtrade Limited**

**vs**

**Robert James**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' tmient elef, mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm8,294.31) rapprezentanti bilanc ta' merce mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq ordni ta' l-istess konvenut;

Premess illi l-konvenut ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, inkluza ittra bonarja tat-12 ta' Novembru, 1999 u tal-ittra ufficjali ta' Dicembru, 2000, xorta wahda baqa' ma hallasx l-ammont kollu dovut;

Premess illi l-fuq ammont huwa cert, likwidu u dovut ai termini tal-l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta' attrici tikkonferma fid-dikjarazzjoni guramentata taghha;

Premess illi fil-fehma tas-socjeta' attrici u tar-rapprezentant taghha, il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet x'jaghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti:

1. Tiddecidi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmient elef mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm8,294.31);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-12 ta' Novembru, 1999 u tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Dicembru, 2000 u bl-interessi legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' Bernard Zammit: Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata; Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**